MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 6/2010

**A**
**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-8 ta’ Lulju 2010 il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ippronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*“Il-Bord,*

*Fis-27 ta’ Lulju 2009, l-appellant,* ***A.,*** *kumpanija li tmexxi “cinema/audio visual shows” go Victoria, Ghawdex, issottometta l-Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.01.08 - 30.11.08 ghall-ammont ta’ €6,319 minghajr penali amministrattiva u mghax.*

*Ghan-nom tal-Kumpanija appellanti dehru s-Sur Angelo Cefai, Direttur, is-Sur Ignatius Attard Direttur, is-Sur Josef Mercieca, Awditur u s-Sur Mario Loporto, Konsulent. Ghad-Dipartiment tal-VAT dehru s-Sur Alfred Caruana Petit, Assistent Direttur u s-Sur Anthony Cutajar, Principal.*

*Id-Dipartiment beda biex qal li l-istejjem hargu wara li saret spezzjoni fuq il-post tan-negozju fejn instab li d-dhul ghall-'Visual shows" (10am - 3pm) kien qed jigi ccargjat bir-rata mnaqqsa ta' 5% u mhux bir-rata ta' 18% kif kien jigi ccargjat fil-kaz tas-"cinema" normali li jopera filghaxija.*

*L-appellant irribatta dan billi qal li l-attivita' li tirrigwarda l-"visual shows" hija wahda kulturali li tittratta fuq l-attrazzjonijiet tal-gzira ta' Ghawdex (Gozo 360) mil-lat turistiku; difatti l-Awtorita' tat-Turizmu tqisha bhala attrazzjoni kulturali u l-Heritage Malta qed tikkunsidra li ddahhalha fis-"single ticket" li jinbiegh lit-turisti. Huwa kompla jghid li jekk jintilef l-appell tinholoq "distortion of competition" bejn muzewijiet u attrazzjonijiet kulturali ohra u l-Kumpanija appellanti. Huwa rrefera ghal-Legal Notice 446 tal-2007 li tkopri d-dhul f'muzewijiet, art exhibitions, kuncerti u teatri u qal ukoll illi fil-Ligi (Skeda 8, Item 10) l-attivita' tal-Kumpanija mhix eskluza.*

*Id-Dipartiment irrefera ghal Annex 3 tad-Direttiva 2006/112/EC li taghti lill-Gvern il-fakulta` li japplika rati mnaqqsa f'certi cirkostanzi, izda l-attivita' tal-appellant ma gietx meqjusa mill-istat bhala tali cirkostanza u allura ghandha tigi applikata r-rata massima.*

*Il-Bord wara li sema' bir-reqqa dak kollu li ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :-*

*1. Li l-argument tal-appellant li x-"shows" maghrufa bhala "Gozo 360" huma meqjusa bhala attivita' kulturali huwa korrett; dan jixhdu l-"Official Tourism site for Malta and Gozo" li jinkludi lill-Gozo 360 mal-attrazzjonijiet lokali.*

*2. Li l-argument tal-appellant fir-rigward ta' Skeda 8 mhux tenibbli ghaliex il-fatt li l-attivita' mhix eskluza ma jfissirx li hija awtomatikament inkluza.*

*3. Li r-rapport investigattiv tad-Dipartiment datat 31 ta' Jannar 2009 ukoll jiddeskrivi l-attivita' in kwistjoni bhala "depicting historical, religious, cultural and places of natural beauty on the island".*

*Fic-cirkostanzi, il-Bord jidhirlu li l-intenzjoni tal-legislatur meta hareg il-Legal Notice 446 kien li "audio/visual shows" ta' natura kulturali jitqiesu bhala attivita' "teatrali" u ladarba attivita' teatrali taqa' taht Item 10 li tghid "Id-dhul ghal muzewijiet, esibizzjonijiet artistici, kuncerti u teatri...,....,..5%" allura l-appell ghandu jigi milqugh.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datat 2 ta' Awwissu 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' A datata 27 ta' Awwissu 2010 a fol 11 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Georgine Schembri ghas-socjeta` appellata u Dr. Victor Bajada bhala rapprezentant ta' A, u Dr. Dominic Cassar ghall-appellant, rapprezentat minn Alfred Caruana Pettett. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi datata 8 ta' Lulju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li r-rappresentazzjonijiet ta' *audio visual shows* gewwa Victoria Ghawdex ma huma xejn ghajr *films* u ghalhekk ir-rata ta' VAT applikabbli ghall-istess hija dik ta' 15% u mhux 5% kif ritenut mis-socjeta' appellata u mid-decizjoni tal- Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan ghaliex jikkontendi li l-**paragrafu 10 tal-artikolu 3 tal-Avviz Legali ta' l-2007** ma jindikax tali attivita', li bazikament hija esebizzjoni ta' film, anke jekk ta' natura allegatament kulturali, bhala suggetta ghar-rata inqas ta' VAT ghaliex ma tikkonsistiex *fi "dhul ghall-muzewijiet, esebizzjoni artisitici, kuncerti u teatri".*

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi u l-Ligi applikabbli thoss li l-appellant ghandu ragun stante li din il-Qorti thoss li tali attivita' organizzata mis-socjeta' appellanti anke jekk konsistenti *f'slide show* ma taqax taht l-ebda wahda mill-kategoriji msemmija f'**paragrafu 10 tal-artikolu 3 tal-Avviz Legali ta' l-2007** u dan proprio ghaliex l-istess attivita' ma taqax taht id-deskrizzzjoni ta' xi wahda mill-provisti ndikati fl-istess paragrafu li attwalment jirreferi biss ghad-dhul ghal muzewijiet, esebizzjonijiet artistici, kuncerti, u teatri, u b'hekk isewgi li d-dhul sabiex wiehed jara l-imsemmija *slide show* mertu tal-kawza odjerna ma tistax tikkwalifika dhul f'wiehed mill-postijiet jew skop indikat specifikament fl-istess provediment.

Illi jinghad f'dan il-kuntest li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li certament ma jistax jinghad li tali attivita' tista' tigi kkunsidrata taht in-nomenklatura ta' teatru, ghaliex it-tifsira ta' teatru tinkorpora u tirreferi ghall-presentazzjoni attwali (*"live performances")* u mhux esebizzjoni ta' films jew *slide shows*, kif inhu l-kaz odjern. Il-kuncett ta' teatru jinkorpora avvenimenti li jsehhu dak il-hin minn atturi, jew kantati *live* u certament mhux presentazzjoni ta' films jew *slide shows*, anke jekk koncess li huma ta' natura kulturali.

Illi fil-fatt jirrizulta li **D-Direttiva 2006/112/EC** li ai termini tal-**artikolu 98** tippermetti li jkun tnaqqis ta' rata tal-VAT ghal certi provisti u avvenimenti tirreferi f'paragrafu 7 tal-Anness 3 ghal *"dhul ghal wirjiet, cirkli, fieri, parks ta' divertiment, kuncerti, muzewiet, zujiet, cinema u avvenimenti u facilitajiet kulturali",* mentri il-**paragrafu 10 tal-artikolu 3 tal-Avviz Legali ta' l-2007** jirreferi biss ghal *"dhul ghall-muzewijiet, esebizzjonijiet artisitici, kuncerti u teatri".*

Illi dan ifesser li l-Ligi Maltija ma nkorporatx il-provisti kollha msemmija fl-istess Direttiva, izda biss parti minnhom, u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li dak indikat fid-Direttiva huwa rifless fil-Ligi nostrana, u allura jidher car li l-Legislatur Malti ried jillimita, u fil-fatt illimita l-provisti fejn kellu jsir it-tnaqqis tar-rata ta' taxxa tal-VAT ghal dawk indikati fl-imsemmi Avviz Legali 406/2007.

Illi s-socjeta' appellata ghamlet riferenza ghall-aspett kulturali ta' l-istess presentazzjoni, izda l-artikolu in ezami fil-Ligi Maltija ma jirreferi bl-ebda mod ghal tali aspett tant li l-kliem "dhul u/jew esebizzjonijiet u avvenimenti u facilitajiet kulturali simili" msemmija fl-istess Direttiva gew eskluzi fit-test tal-Ligi Maltija u ovvjament dan sar bl-iskop li r-rata iktar baxxa ta' taxxa tal-VAT tigi biss imposta fuq dawk il-postijiet u/jew avvenimenti specifikament imsemmija fil-Ligi Maltija.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-Legislatur Malti ma riedx jinkorpora fil-ligi tieghu l-provisti kollha ndikati fil-paragrafu **7 tal-Anness 3 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2006/112/EC**, tant li fil-waqt li dan jirreferi ghall-iskop tal-**artikolu 98 tad-Direttiva** ghall *"(7) dhul ghal wirijiet, teatri, cirkli, fieri, parks tad-divertiment, kuncerti, muzewijiet, zuijiet, cinema, esebizzjonijiet u avvenimenti u favilitajiet kulturali simili",* fil-Ligi Maltija gew imsemmija biss uhud minn dawn l-postijiet u/jew avvenimenti u allura *a contrario senso* jirrizulta li dak li ma huwiex imsemmi huwa ghalhekk eskluz. Effettivament it-termini tal-Ligi Maltija hija cara dwar dan u lanqas hemm lok ta' ebda interpretazzjoni, ghaliex il-hsieb tal-Legislatur johrog car mill-kliem uzat (*"ubi voliut dixit")*, u f'dan il-kaz allura

japplika l-principju *“qui dicit de uno, negat de altero”* jew *“inclusione unios fit esclusionne alterius”.*

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud fl-ismijiet premessi qed tigi riformata fis-sens kif rikjest fl-appell odjern.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta ta’ l-appell tas-socjeta’ appellata A datata 27 ta’ Awwissu 2010 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rikors tieghu datat 2 ta’ Awwissu 2010, b’dan illi qed tigi riformata s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet “A vs il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” datata 8 ta’ Lulju 2010 u dan billi:-**

**(1) Tikkonfermaha fejn gie ritenut illi l-argument tas-socjeta’ appellata fi Skeda 8 mhux tenibbli ghaliex il-fatt li l-attivita’ mhix eskluza ma jfissirx li hija awtomatikament inkluza; u**

**(2) Tirrevokaha fil-kumplament taghha, u b’hekk,**

**(3) Tiddikjara li l-provista ghad-dhul ghal-cinema tas-socjeta’ appellata inkluz dawk biex jintwerew il-films maghrufa bhala (Gozo 360) u generalment allura kull provista ta’ kull dhul fl-istess cinema ghandha tithallas fuqha t-taxxa fuq il-Valur Mizjud normali ta’ 18% u mhux dik ta’ 5% kif sottomess mis-socjeta’ appellata; u ghalhekk**

**(4) Tichad it-talba tas-socjeta’ A ghall-kancellament tal-istejjem tal-Kummissarju appellant.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------